PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
18 ta' Ottubru, 2020

# JUM IL-MISSJONI

F'dan il-Ħadd niċċelebraw Jum il-Missjoni mad-dinja kollha. Huwa jum sabiħ għax niftakru fil-ħidma tal-Knisja li sseħħ fil-"periferiji" tagħha. Mid-djoċesi tagħna għandna bosta missjunarji li marru mad-dinja kollha, jaqdu u jxandru. Bħala membru ta' din il-parroċċa niftakru partikolarment f'Dun Raymond li qiegħed il-Perù, f'Suor Lux Marie (Elizabeth) li ftit jiem ilu rritornat l-Etjopja u oħrajn li jwettqu ħidma missjunarja anke minn hawnhekk. F'dan il-jum ejjew noffru t-talba tar-rużarju għall-missjunarji tagħna. Niftakru kemm qed jgħaddu minn sitwazzjoni aktar perikoluża b'din il-pandemija. Nitolbu biex mill-parroċċi jkollna vokazzjonijiet ġodda ta' persuni li 'l quddiem imorru jaħdmu fil-missjoni.

# IL-FAMILJI TAL-FUTUR

Dis-sena għandna 13-il koppja għarajjes li fis-Sibt li għadda, 10 ta' Ottubru, iltaqgħu fid-Dar San Pietru u San Pawl għall-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ. Nitolbu għal dawn il-koppji żgħażagħ biex jagħmlu l-kors b'ferħ u jipperseveraw sal-aħħar laqgħa.

Jeħtieġ li aħna ngħożżu l-familja u nagħmlu minn kollox għaliha. Il-preparazzjoni għaż-żwieġ f'dawn il-laqgħat jikkonsistu f'riflessjonijiet mill-Bibbja u life skills ta' nies esperti. Il-laqgħat fil-parroċċa jkunu mmexxijin minn koppji u persuni oħrajn miżżewġin li jagħtu minn dak li huma stess għexu u pprattikaw fi ħdan il-familji tagħhom.

Filwaqt li nawguraw lill-għarajjes u lit-tim li qed imexxi, aħna nwegħduhom l-akkumpanjament tagħna bit-talb.

*.L-Arċipriet*

## ROKNA EKOLOĠIKA - MINN FEKRUNA GĦAL BALENA!

Nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru, Peter Farrugia u Leli Attard flimkien ma' xi persuni oħrajn kienu fuq jott xi mil u nofs 'il barra mir-Ramla u lemħu fin whale (bil-Malti magħrufa bħala l-Balena l-Kbira) xi 20 metru 'l bogħod mid-dgħajsa tagħhom. Kellimna lid-Dottoressa Bijologa Adriana Vella u qaltilna li fil-fatt il-fin whale bħalissa qed tpassi għal ibħra iktar sħan għan-Nofsinhar ta' Malta qrib il-kosta Nord-Afrikana. Din il-ħlejqa hija t-tieni l-ikbar balena fid-dinja u tikber sa 25 metru fit-tul.

## AVVIŻI OĦRAJN

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 21 ta' Ottubru, fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, fis-6.00pm. Ser titmexxa minn Dun Ġużepp Camilleri, missjunarju fil-Gwatemala. Kulħadd huwa mistieden.

**IL-MUŻEW TAL-BNIET** javżaw li d-duttrina tibda minn nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru fil-qasam il-ġdid.

| | |
|---|---|
| Yr 2 - It-Tlieta mill-5.00 sal-5.35pm | Yr 3 - It-Tnejn mill-5.00 sal-5.35pm |
| Yr 4 - Il-Ħamis mill-5.00 sal-5.35pm | Yr 5 - It-Tnejn mis-6.00 sas-6.35pm |
| Yr 6 - Il-Ħamis mis-6.00 sas-6.35pm | Yr 7 - Il-Ġimgħa mill-5.00 sal-5.35pm |
| Yr 8 - Il-Ġimgħa mis-6.00 sas-6.35pm | Yr 9 - It-Tlieta mis-6.00 sas-6.35pm |

**TISTGĦU TGĦINU?** Qattus abjad bi ftit griż f'dahru, naqas minn residenza fi Triq il-Mitħna l-Qadima. Min għandu xi informazzjoni li tgħin biex jinstab jista' javża fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## TALBA GĦALL-GĦAJNUNA

Għall-grazzja t'Alla fil-parroċċa għandna madwar 130 persuna mseħbin fil-*Grupp tal-Benefatturi* li kkommettew ruħhom li jagħmlu offerta ta' €5 fix-xahar għall-knisja. Il-€5 iġibuhom kull xahar jew jiġu kull 3 xhur u hemm xi wħud li jiġu darba f'sena biss u jħallsu ta' tnax-il xahar.

Nitolbukom biex jekk tistgħu u tridu tissieħbu fil-*Grupp tal-Benefatturi*, ejjew kellmu lil Antonia Vella fl-Uffiċċju Parrokkjali nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa jew nhar ta' Ġimgħa.

Kif tistgħu tissoponu l-ġbir naqas, sewwa tal-ferta kif ukoll minn attivitajiet ta' fundraising. Qegħdin nippruvaw inkabbru l-imseħbin tal-*Grupp tal-Benefatturi* sabiex nikkompensaw in-nuqqas ta' ġbir u sabiex inkomplu bit-tiswijiet tant meħtieġa fil-knisja, fejn se titwaħħal u tiġi rinforzata l-*pasta* tas-saqaf.

**SENA ĊENTINARJA - 3:** L-ispirtu tal-Leġjun hu dak ta' Marija nfisha u d-devozzjoni lejha hu li jimitaha fil-virtujiet kollha kif hemm spjegat fil-manwal u li jiġi studjat mill-membri attivi fil-laqgħat tagħhom.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am